MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 920/2011

**Belber Limited (C50734)**

**vs**

**Kendrick u Rita Bondin et u Carl Mario Micallef**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet:

Illi nhar l-4 ta' Frar, 2011, Rita Bondin ghamlet ordni mas-Socjeta' attrici liema ordni giet ikkomsenjata kif miftiehem;

Illi tali ordni giet ordnata abbazi ta' 'no return';

Illi Kendrick Bondin hareg cekk datat 8 ta' Mejju, 2011 fl-ammont ta' tlett mija u tmienja u hamsin Ewro (€358) pagabbli lis-Socjeta' attrici liema cekk gie mibghut lura bhala '*payment countermanded*';

Illi nonostante d-diversi nterpellazzjonijiet ghal hlas, il-konvenuti Bondin baqghu nadempjenti.

Illi Rita Bindin qed tallega illi l-impjegat tas-Socjeta' attrici ta' dak iz-zmien Carl Mario Micallef tas-Socjeta' attrici accetta l-ordni lura;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, is-Socjeta' attrici titlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1) Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom huwa/huma debitur/i tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija u tmienja u hamsin Ewro (€358);

2) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallas/ihallsu lis-Socjeta' attrici ammont ta' tlett mija u tmienja u hamsin Ewro (€358);

Salv kull provediment iehor illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjez u interessi legali.

Ra r-risposta ta’ Carl Mario Micallef datata 25 ta’ Novembru, 2011 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma accetta l-ebda ordni lura minghand il-konvenuti Kendrick Bondin u Rita Bondin. Inoltre, l-eccipjenti jikkonferma dak iddikjarat mis-Socjeta’ attrici li l-konsenja kienet fuq bazi ‘no return’ hekk kif stipulat fit-termi u l-kondizzjonijiet tal-ordni, liema dokumentazzjoni tinsab fil-pussess tal-istess Socjeta’ attrici.

2. Ghaldaqstant, l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi kwalsiasi kaz, is-Socjeta’ attrici jehtiegilha tipprova d-danni minnha allegati stante li l-istess huma kontestati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta ta’ Kendrick Bondin u Rita Bondin datata 01 ta’ Dicembru, 2011 fejn eccepixxew:

1. Illi preliminarjament huma ndikati inkorrettement fit-talba attrici peress illi huma m’humiex konjugi.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tas-Socjeta’ attrici huma kompletament inforndati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra

taghha stante illi ebda ammont mhu dovut mill-konvenuti Kendrick Bondin u Rita Bondin u dan kif ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti u tan-nota prezentata fit-30 t'Awwissu, 2011, fl-atti ta' l-ittra ufficjali pprezentata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fit-12 t'Awwissu, 2011 minn Belber  Limited (C50734), kontra l-konvenuti Kendrick u Rita Bondin.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza odjerna hija ghall-hlas ta' konsenja ta' merkanzija stagjonali relatati mal-Ghid. Lill-konvenuta Rita Bondin li topera confectionary.  Inhareg cheque mill-kont ta' Kendrick Bondin (it-tifel taghha) ghall-hlas liema cekk gie lura bhala *payment countermanded*. Il-konvenut l-iehor huwa s-salesman li biegh dawn il-prodotti lill-Bondin.

**Carmen Micallef** xehdet illi Belber Limited jifforma parti minn grupp ta' kumpaniji involuti fil-bejgh ta' prodotti t'ikel. Hi tahdem f'din is-Socjeta' fid-Dipartiment tas-Sales. Il-kaz in kwistjoni kien dwar prodotti tal-Ghid. Is-sistema ta' bejgh li tintuza hija li jaghtu *order form* lill-klijenti. Il-klijenti kienu jixtru *cash on purchase* jew jhallsu f'30 jum. Jekk jhallsu fi 30 jum jiehdu 5% discount. F'dan il-kaz il-klijenta kienet tathom *post dated cheque* li kien imur oltre 30 jum u li xorta wahda accetaw li jaghtuha skont ta 5%.

Ghamlet referenza ghall-dokument "FA5" li mal-genb ghandu l-kundizzjoniijet ta' bejgh u li huwa ffirmat minn Rita Bondin fl-4 ta' Frar, 2011. Illi c-cekk li uzat gie lura bil-kliem *payment countermanded*.  Is-salesman indaga u nfurmahom li hi ghamlet *stop payment* wara li riedet taghti certi prodotti lura u ma kienux accettaw. Hi qalet li s-saleman kien infurma li riedet taghti x-xoghol lura u li kien ser jghinha "*pero x'qalilha is-salesman din mhix*

*problema taghna u lanqas dhalna fiha. Fil-fatt mbaghad konna staqsejna is-salesman li dan ma kienx veru".*

Xehdet **Rita Bondin** li ddikjarat li hi l-proprjetjarja ta' St. Martin's Confectionary. Hi kienet 'tiddilja' mas-salesman jismu Carl, ma' haddiehor, u kien jigi ta' kull gimgha. Dejjem kienu jixtru bir-r*eturn*. F'din id-darba tal-Ghid ga kellha x-xoghol ghax hu kien gie tard biex ibeghla l-affarijiet tal-Easter u kienet ga 'mliet il-hanut b'affarijiet tal-Ghid, pero` hu insista illi ibeghla xorta ghax beda jinsisti illi tehodhomlu bir-r*eturn*. "*Jiena bil-patt illi nehodhom bir-return kont accettajt*". Meta giet biex tiffirma l-karta bejn xoghol u iehor hu kien qalilha *"iva, anke jekk nehodhomlok jiena, nehodhomlok jiena".* Meta kienet qaltlu biex jigbor l-affarijiet kien qalilha li ried jigborhom kollha flimkien. Wara li ghaddew hmistax qalilha li ma kienx ser jahdem maghhom aktar u s-salesman il-gdid ma ridtx jidhol fil-kwistjoni. Kien ra x'fadal u ma fadalx u ha nota taghhom. Iddikjarat li l-kumpanija kienet 'Ancams Marketing Limited' u ma' dawn li kellha x'taqsam. Dwar l-*istop payment* dan kienet ghamlitu ghaliex bi zball kienet harget cheque minn fuq cheque book tat-tifel li ma kellux x'jaqsam. Iddikjarat illi minkejja dak iddikjarat fid-dokument FA5 Karl gieli hadilha x-xoghol bis-sistema ta' returns, u mbaghad kienet tehodhom credit jew xi tip iehor ta' xoghol. Dejjem irrangjaw.

*"Jiena ma nghidx li ma ghandiex prova li konna naghmlu karti biex nuru li s-sistema kien bir-returns pero` jiena biex noqghod indur il-karti ta' hames – sitt snin ilu hija problema ghalija".*

Ikkonfermat li dawn kienu prodotti tal-Ghid u fosthom kien hemm Easter Eggs imkissrin:

*"Jiena lanqas inkun naf ghax niffirma hafna minn dawn il-karti, kollha jgibu l-karti taghhom. Jiena naf x'ftehmt ma' Karl. Karl kien ftiehem mieghi li naghtuha on return".* Hi qalet li ppruvat kemm il-darba tkellem lis-sid pero` kienet dejjem imsiefra.

Xehed **Kenderick Bondin** li ddikjara illi n-negozju huwa ta' ommu u li m'ghandux x'jaqsam hu. Ommu kellha prokura tieghu u kienet tiehu hsieb il-finanzi ghaliex kien imsiefer. Ghaliex ghamlet *stop payment* ma setghax jghid. Ma kienx Malta dak iz-zmien. Hu sostna li ghamlet zball, ippanikjat u ghamlet *stop payment*.

Xehed **Carl Mario Micallef** li kkonferma illi kemm-il darba hadem ma' Rita Bondin. U gieli rranga fuq affarijiet ta' *chilled products*. Affarijiet ta' *seasonal products* ma konniex nirrangaw. Ma konniex nirrangaw ghax il-procedura tal-kumpanija kienet differenti fuq dawn. Il-*yoghurts* kienu bir-return per ezempju. Hu kkontesta li din id-darba kienet talbitu li kienu bir-*return.* Kien ghamel *credit note* imma biss fuq l-affarijiet ta' *chilled products* u mhux *seasonal products*. Rigward is-*seasonal products* ma kellux l-inkarigu li jaghti on a *return* basis. Dawk kienet xi haga li kienet f'idejn ta' fuqu. Cahad kategorikament li kien qalilha li jehodhomlha hu. Ikkonferma li hi kienet tiftiehem dejjem mieghu pero` kien jghaddi l-karti lil ta' fuqu. Fil-kaz odjern dan kienet *pre-order*; jigifieri l-*order* saret xahrejn qabel. Hi qatt ma avvicinatu jekk hux *on return basis* jew le. Jekk kien jiftiehem li jiehdu prodotti *on a return basis* kellha taccetta d-Direttrici u mbaghad kien jikteb 'R' fuq il-karta stess tal-order. Jekk ma tistaqsiex u ma jghidli xejn u jdahhalha bhala order normali. Qatt ma kellu l-kompetenza li jaghti *seasonal products on a return basis*. Ikkonferma li hu kien jahdem b'commission u paga.

Ikkunsidra

It-Tribunal ghal darb' ohra ghandu verzjonijiet konfligenti hafna din id-darba bejn iz-zewg konvenuti Rita Bondin fuq naha li tghid li kien hemm ftehim illi dawn kellhom jiehdu il-prodotti lura jekk ma jinbieghux u Carl Micallef fuq naha ohra li jghid li qatt ma setghu ftehmu hekk ghaliex ma kellux is-setgha jasal ghal dan il-ftehim.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza **"Farrugia vs Farrugia"** (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) fejn intqal li:-

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 ta' Ottubru, 2003) inghad illi:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Illi jidher illi ma huwiex kontestat illi l-prodotti gew konsenjati lill-konvenuta Bondin u li dawn ma ngabrux. Dak li huwa kkontestat huwa l-ftehim li sar bejn l-impjegat tas-Socjeta` attrici u l-konvenuta Bondin.

Illi min-naha ghanda s-Socjeta` attrici jghidu li kkonsenjaw prodotti stagunali tal-Ghid u li qatt ma kienu jinbieghu *on a return basis* minhabba n-natura tal-prodott stess[1]. Illi dan gie kkonfermat mill-ex- impjegat tas-Socjeta` attrici l-konvenut Carl Micallef illi dan ukoll gie

[1] Ara xhieda ta' Carl Mario Micallef u Carmen Micallef.

ikkonfermat mid-dokumenti in atti [2]. L-istess dokument iffirmat minn Rita Bondin fuq il-prodotti mertu ta' din il-kawza:

*"1 That I have placed this order of my own free will and that I am bound to accept all goods ordered when delivered;*

*2. I understand and agree that this order is NOT placed on a return basis and that it cannot be cancelled;*

*3. That I will settle the full amount invoiced within 30 days from invoice date".*

Min-naha l-ohra l-konvenuta qalet kemm il-darba taht gurament illi hi kellha ftehim ta' xorta ohra minn dak stipulat u iddikjarat. Illi hu kien qalilha li ser jehodhom lura hu stess. Illi kien fl-interess tieghu illi tehodhom ghaliex jiehu l-'*commission'.* Il-konvenut Micallef kien car ukoll Fix-xhieda tieghu qal li ma kellux il-mandat li jilhaq dan il-ftehim u nnegga li qatt qalilha li setghet tirritornuhom.

Illi hemm in atti dokumenti li jghatu sahha ghall-verzjoni tas-Socjeta` attrici u anke ghall-konvenut Carl Micallef. Illi ladarba waslu ghall-ftehim mhux tas-soltu l-konvenuta messa talbet illi jinkiteb xi haga biex ghall-inqas juri illi qablu b'mod iehor. I-konvenuta ma kellhiex tiffirma dak id-dokument jekk dak ma kienx il-ftehim bejn il-partijiet u galadarbda ffirmat hi ghandha tkun responsabbli ghall-hlas *de quo*.

Illi fir-rigward ta' binha hareg mill-evidenza illi hu ma kellhux x'jaqsam xejn ma' din il-kwistjoni.

**Decide**

[2] Ara dok FA 5

It-Tribunal ghalhekk jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici fl-ammont ta' tlett mija u tmienja u hamsin Ewro (€358) kontra l-konvenuta Rita Bondin u tillibera lill-konvenut Kendrick Bondin u Carl Mario Micallef mill-osservanza tal-gudizzju bl-imghaxijiet hekk kif indikati fl-avviz u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------